MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 841/2006

**Enemalta plc**

**(C-65836)**

**u**

**Denfar Excavators Limited**

**(C 10272)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-14 ta' Settembru, 2006, li permezz tieghu, il-Korporazzjoni rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi fit-30 t'Ottubru, 2002, is-socjeta` intimata laqtet *"cable"* proprjeta` tal-Korporazzjoni rikorrenti waqt li kienet qed tesegwixxi xoghol ta' thaffir fi Triq Pantar, il-Mosta, (ara foll 6 u 7);

1.2 Illi l-Korporazzjoni rikorrenti soffriet danni fl-ammont ta' tnejn u disghin elf, disa` mija u sebgha u sittin Liri Maltin, (LM92,967.00), rizultat ta' dan l-incident, li sehh minhabba traskuragni, imperizja, negligenza, nuqqas t'arti u sengha u nuqqaas ta' tharis ta' ligijiet u regolamenti minn naha tas-socjeta` intimata;

1.3 Illi ghalkemm interpellata, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4 Illi ghalhekk il-Korporazzjoni rikorrenti aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex, prevja kull dikjarazzjoni ohra:

1.4.1. Tiddikjara lis-socjeta` intimate responsabbli ghall-hsara minnha ikkagunata fil-proprjeta` tal-Korporazzjoni rikorrenti fi Triq Pantar, il-Mosta, nhar it-30 t'Ottubru, 2002, u ghall-hlas ta' tali danni subiti;

1.4.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lill-Korporazzjoni rikorrenti s-somma ta' tnejn u disghin elf, disa` mija u sebgha u sittin Liri Maltin, (LM92,967.00), f'danni sofferti mill-istess Korporazzjoni rikorrenti;

1.4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-hsara sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata;

2. Rat ir-risposta guramentata datata z-19 t’ Ottubru, 2006, li permezz taghha s-socjeta` intimata wiegbet sintetikament bil-mod segwenti:

2.1. Illi t-talbiet tal-Korporazzjoni rikorrenti huma infondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

2.2. Illi l-incident lamentat ma kienitx responsabbli ghalih is-socjeta` intimata;

2.3. Illi s-socjeta` intimata esegwit ix-xoghol taghha bl-akbar sengha u arti;

2.4. Illi l-istess socjeta` intimata aderiet fedelment mal-ligijiet u regolamenti appoziti;

2.5. Illi la kienet negligenti u lanqas traskurata;

2.6. Illi kienu l-istess impjegati tal-Korporazzjoni rikorrenti li kienu negligenti meta taw indikazzjonijiet eronei lis-socjeta` intimata fejn ma kellux isir xoghol;

2.7. Illi *di fatti*, kellu wkoll jigi sospiz ix-xoghol biex il-Korporazzjoni *de quo* tkun f'posizzjoni li tiskopri minn fejn kien ghaddej il-*"cable"* taghha li ma kelliex konjizzjoni tieghu;

2.8. Illi wara l-incident in dizamina kellhom jithaffru mal-200 "*pilot hole"* mis-socjeta` intimata fuq ordni tal-Ministeru kkoncernat biex jinstab minn fejn kien ghaddej il-*"cable"* u seta` jitlesta x-xoghol;

2.9. Illi s-socjeta` intimate segwiet fedelment l-istruzzjonijiet lilha moghtija kemm mill-Korporazzjoni rikorrenti, kif ukoll mill-Ministeru kkoncernat u mid-Dipartiment tax-Xogholijiet;

2.10. Illi s-socjeta` intimata qaghdet ghall-ordnijiet tal-istess u b'hekk m'ghandiex tigi ritenuta responsabbli ghall-allegati hsarat;

2.11. Illi *di piu`*, d-danni riklamati, oltre li huma eccessivi u ezagerati, ghandhom jigu ppruvati;

2.12. Salv kull risposta ohra;

3. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Frar, 2014, li permezz tieghu, fuq talba ta' l-abbli rapprezentant legali tal-Korporazzjoni rikorrenti, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 306);

4. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Korporazzjoni rikorrenti datata d-9 t'April, 2014, (ara foll 309), flimkien man-nota

t'osservazzjonijiet tas-socjeta` intimata datata is-26 ta' Mejju, 2014, (ara foll 316);

5. Rat in-nota datata t-2 t' Ottubru, 2014, li permezz taghha s-socjeta` Enemalta plc assummiet l-atti tal-kawza in sostituzzjoni tal-Korporazzjoni precedentement indikata fl-okkju tal-kawza, (ara foll 321);

6. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi s-socjeta` intimata kienet inkarigata mid-Dipartiment ikkoncernat wara sejha pubblika appozita, biex teffettwa xogholijiet necessarji biex jitpoggew katusi tad-dranagg godda fil-Mosta, (ara foll 309 u 316), wara li rebhet kontratt fil-11 t'Ottubru, 2002, biex thaffer trinka u jitqeghdu katusi tad-dranagg, (ara foll 129);

7.2. Illi x-xogholijiet kondotti mis-socjeta` intimata kellhom isiru fuq l-istruzzjonijiet moghti lilha mill-istess Dipartiment indikat fil-paragrafu precedenti, (ara foll 307);

7.3. Illi wara li s-socjeta` intimata kienet munita bil-permessi necessarji biex tkun tista tezegwixxi x-xogholijiet pattwiti fil-kuntratt *"de quo"*, infurmat b'dan lill-istituzzjonijiet responsabbli biex qabel ma tibda tezegwixxi x-xogholijiet necessarji dawn l-entitajiet:

> "... jimmarkawlna fuq it-*tarmac* fejn ikollhom l-affarijiet taghhom u kulhadd jimmarka bil-kulur taz-zebgha tieghu. L-EneMalta taghmel kulur ahmar", (ara foll 307), (ara wkoll foll 129);

7.4. Illi permezz ta' dan l-immarkar b'kuluri differenti kull entita` involuta li jkollha xi servizzi taghha taht l-art tindika hi stess minn fejn ikunu ghaddejjin dawn is-servizzi;

7.5. Illi meta s-socjeta` intimata kienet wasslet biex taghmel ix-xoghol lilha assenjat fit-Triq Pantar, il-Mosta, l-impjegati tal-Korporazzjoni rikorrenti kienu accedew fuq il-post u ghamlu l-marki taghhom biz-zebgha hamra fuq l-art li kellha titqatta u tithaffer, (ara foll 307);

7.6. Illi meta s-socjeta` intimata bdiet tqatta it-triq u thaffira, u timxi specifikament fuq il-marki maghmula mill-impjegati tas-socjeta` rikorrenti intlaqtet *"cable"*;

7.7. Illi minn spezzjonijiet sussegwenti fir-rigward kondotti anke minn impjegati tas-socjeta` rikorrenti, irrizulta li l-

indikazzjonijiet moghtija biz-zebgha hamra mill-impjegati tas-socjeta` rikorrenti lil dik intimata, kienu disgha (9) piedi l-boghod minn fejn kien sitwat il-*"cable"*, (ara foll 307);

7.8. Illi wara li giet rimedjata l-hsara hekk ikkagunata fuq indikata is-socjeta` intimata inghatat struzzjonijiet biex tkompli bix-xoghol taghha, (ara foll 307);

7.9. Illi pero`, din id-darba s-socjeta` intimata inghatat struzzjonijiet differenti u issa intalbet teffettwa *"pilot holes"* kull tant metri biex b'hekk isibu fejn huma mirduma l-*"cables"* tal-istess Korporazzjoni rikorrenti, (ara foll 307);

7.10. Illi kuntrarju ghal dak li sehh qabel, l-istess socjeta` intimata f'din it-tieni okkazzjoni inghatat issa wkoll struzzjonijiet biex ma tuzax certu makkinarju bhal *"trencher"*, (ara foll 129),

7.11. Illi f'din it-tieni parti tax-xoghol ikkoncernat, il-Korporazzjoni rikorrenti biddlet ukoll ir-rotta precedentement pattwita, (ara foll 308);

7.12. Illi rizultat tal-qtugh tal-*"cables"* fuq riferiti, is-socjeta` rikorrenti soffriet il-hsara minnha riferita aktar qabel, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel);

Ikkunsidrat:

8.0. Illi mill-analisi tal-fatti kif fuq sintetikament esposti ghandu jkun pacifiku li r-responsabbilita` ghall-hsarat riskontrati taqa` esklussivament fuq l-impjegati tal-Korporazzjoni rikorrenti u dan *stante* li:

8.1. Hi l-istess Korporazzjoni li hi fil-pussess tal-pjanti taghha li jindikaw fejn ikunu mirduma l-*"cables"* taghha stess;

8.2. Illi kienu l-impjegati taghha li immarkaw u indikaw biz-zebgha ta' kulur ahmar l-itinerarju tal-*"cables"* taghhom taht l-art;

8.3. Illi meta s-socjeta` intimata operat ruhha fuq dawn l-istruzzjonijiet lilha moghtija, din is-socjeta` intimata ma tistax titqies responsabbli ghal hsarat hekk ikkagunati;

8.4. Illi kull ma kienet qed taghmel din is-socjeta` kien li timxi fuq l-istruzzjonijiet lilha moghtija mill-Korporazzjoni rikorrenti li allura ghandha hi terfa` r-responsabbilita` ghall-akkadut;

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi konvinta li l-Korporazzjoni rikorrenti ma ippruvatx il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Filwaqt li takkolji r-risposti imressqa mis-socjeta` intimata;

9.2. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-Korporazzjoni rikorrenti;

9.3. Bl-ispejjez kontra l-istess Korporazzjoni rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------